# MONS. PROF. P.P. SAYDON

**Ta' Dun Karm Sant**

Nhar it-Tnejn filgħodu, 22 ta' April, 1971, xterdet l-aħbar li kien miet Mons. Prof. P.P. Saydon. Kienet aħbar ħażina għal Malta kollha iżda l-iktar għal dawk li jħobbu l-istudju, speċjalment tal-Kotba Mqaddsa u l-Malti. Mons. Saydon kien Membru Akkademiku ta' l-Akkademja sa mill-bidu nett, u dan l-aħħar President Onorarju għal ħafna snin.

Twieled iż-Żurrieq fl-24 ta' Lulju 1895. Studja l-iskola tal-Gvern tar-raħal, mnejn għadda għas-Seminarju Veskovili fl-1908; fl-1910 għadda mill-eżami tal-Matrikola. Daħal l-Università Rjali ta' Malta fejn studja Letteratura, Filosofija u Teoloġija u ħa l-gradi ta' B.Lit., B.L. Can., u D.D. u kien ordnat qassis fl-1919. Għamel studji ta' l-Iskrittura fl-Istitut Bibliku (1920-23) u ħa l-Liċenza fl-Istudji Bibliċi (Lic. S.S.). Fl-1931 kien maħtur Professur ta' l-Iskrittura, Lhudi u Grieg Bibliku fl-Università ta' Malta u hemm dam igħallem sas-sena 1964. Kien innominat Kamrier Sigriet tal-Qdusija Tiegħu l-Papa bit-titolu ta' Monsinjur. Fl-1960 l-Università onoratu bil-grad ta' D. Lit (Hon. Causa) b'rikonoxximent tal-ħidma xjentifika tiegħu, speċjalment it-traduzzjoni tal-Bibbja.

Mons. Saydon kien iħoss li l-vokazzjoni tiegħu kienet l-istudju speċjalment tal-Kotba Mqaddsa u l-filoloġija tal-Malti. Għaliha issagrifika kollox. Kien ġej u sejjer barra biex jieħu sehem f'Kungressi u laqgħat internazzjonali ta' studju. Għalhekk kien magħruf sewwa fost l-istudjużi ta' barra. Kien Membru ta' għadd ta' għaqdiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-istudju tal-Kotba Mqaddsa bħalma huma: il-**Catholic**

**Biblical Association** (USA), **Catholic Biblical Association** (Ingilterra), **Society for Biblical Literature** (USA) u **l-International Society for Old Testament Studies.**

Il-frott ta' din il-ħidma jidher fix-xogħlijiet stampati f'sura ta' artikoli u kotba, f'Malta u barra minn Malta. (Cfr. Saydon: **List of publications by the Members of the Teaching Staff of the University,** Malta 1964, p. 22-26). Iżda l-ikbar xogħol tiegħu hi t-traduzzjoni tal-Bibbja bil-Malti mit-testi oriġinali.

Mil-lista li semmejna jidher li Saydon ħadem fil-qasam tal-Bibbja u tal-Malti, u x-xogħol tiegħu meta jinġabar kollu flimkien, jibqa' jinħass għal ħafna snin. Min irid irawwen il-Malti fuq sisien sodi ma jistax igħaddi mingħajru, sew għal dak li hu studju Bibliku kemm għal dak li għandu x'jaqsam mal-Malti.

Tarxien 15/4/1971.